MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 790/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**George Said bin Joseph u Carmen nee' Formosa imwieled fid-29 ta' Novembru 1973 u residenti fil-fond numru 8, Triq ix-Xlendi, Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 36274(M)**

**u**

**Kim Said bin George u Taddea nee' Cordina imwieled is-07 ta' Lulju 1982 u residenti fil-fond 14, Triq is-Sebgha ta' Gunju 1919, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 31282(G)**

**u**

**George Said, bin Anthon u Carmela nee’ Grech imwieled id-29 ta’ Marzu 1943 u residenti fil-fond numru 14, Triq is-Sebgha ta’ Gunju 1919, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 31643(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija George Said, Kim Said u George Said li gew akkuzati, George Said ID36274(M) u Kim Said ID31282(G) it-tnejn bhala licenzjati ta’ l-istabbiliment La Grotta fi Triq ix-Xlendi, Xlendi l/o Munxar, Ghawdex, u George Said ID31643(G) bhala s-sostitut ta’ l-istess stabbiliment hawn imsemmi, it-tlieta akkuzati talli fit-08 ta’ Settembru 2007 ghal habta ta’ bejn is-1:00am u l-04:00a.m. ippermettew li tindaqq muzika amplifikata fil-post hawn imsemmi, post kummercjali li hu licenzjat biex tindaqq muzika amplifikata, liema muzika kienet tinstema minn barra l-istess post, La Grotta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum indikat fl-akkuza, l-pulizija irceviet telefonata anonima illi kienet qed tinstema muzika amplifikata gejja mill-istabbiliment La Grotta u li dina l-muzika kienet qed tinstema mix-Xlendi. Il-PC 534 Joseph Cini jghid illi huwa ma semax storbju u kull ma kien jinstema kienet muzika amplifikata gej min-naha tal-Wied. Is-Surgent 187 Mario Cassar ighid illi huwa nizel ix-Xlendi ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta’ fil-ghodu fejn hemmhekk kien jinstema d-daqq tal-muzika. Huwa mar fl-istabbiliment imsemmi u kellem lil George Said li huwa s-substitute licensee tal-post.

Illi jirrizulta illi l-post huwa illicenjzat fuq l-imputati George Said u Kim Said filwaqt illi bhala substitutes hemm Joseph Said u George Said (il-missier). Il-post huwa illicenzjat bhala diskoteka u ghandu permess jibqa' miftuh sal-erbgha ta' fil-ghodu.

Illi fost il-kondizzjonijiet tal-licenzja hemm il-kundizzjoni illi ghar-rigward tad-daqq tal-muzika amplifikata l-licensee jrid josserva il-ligi kif stabbilit fir-regolament 12 tal-Avviz Legali 175 tal-2004 u r-regolament 38 tal-Avviz Legali 1 tal-2006 u cioe' illi l-muzika amplifikata ma tistax tinstema minn barra wara l-hdax ta' fil-ghaxija jew is-siegha ta' fil-ghodu jekk ikun hemm permess f'dana r-rigward.

Illi ma hemmx dubbju illi f'dana l-kaz il-muzika baqghet tinstema minn barra u cioe' sax-Xlendi u dana ghal tal-inqas sal-erbgha neqsin kwart ta' fil-ghodu meta mar fuq il-post is-surgent Cassar. Illi d-difiza targumenta illi huwa kontro-sens illi l-imputati jinghataw licenzja sabiex joperaw l-istabbiliment bhala diskoteka imbaghad huma jigu ipprojbiti milli idoqqu muzika amplifikata li tinstema minn barra. Illi dana l-argument jaghmel sens izda ma jsib l-ebda konfort fil-ligi u l-Qorti trid tapplika l-ligi fid-decizjoni taghha u xejn izjed.

Illi fit-tieni lok id-difiza targumenta wkoll illi gialadarba kien hemm is-substitute presenti fuq il-post, allura huwa jkun responsabbli f'dak il-hin u l-licensee jew licensees ma ghandhomx jinsabu responsabbli ukoll. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina l-linja difenzjonali lanqas. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Cutajar deciza fis-16 ta' April 2010, il-Qorti spjegat ic-cirkostanzi fejn il-licensee jista' jezimi ruhu minn kull responsabbilta' billi jipprova imqar fuq bazi ta' probabbilita' li :

" **(1) kellu *substitute* regolarment licenzjat … u (2) li huwa ta struzzjonijiet cari lil dan is-*substitute* dwar il-kundizzjonijiet tal-licenzja li ghandhom jigu osservati, u li allura dawn, jew xi wahda jew aktar minnhom, ma gewx osservati proprju kontra l-ordni jew direttiva**

**cara tieghu. Altrimenti, l-aktar haga facli ghall-*licensee* hi li jghid li hu ma kienx fuq il-post meta sehh in-nuqqas, jew li halla f'idejn is-*substitute*.**

Illi d-difiza dina l-prova ma tressaqhiex. Fil-fatt il-licensees lanqas biss xehdu f'dawn il-proceduri u xehed biss is-substitute li jghid li gialadarba huma kellhom permess ta' diskoteka bid-daqq ta' amplified music, allura kellu kull dritt idoqq il-muzika sal-hin li jaghlaq l-istabbiliment. Imkien ma jsemmi li kien inghata xi struzzjonijiet specifici mill-licensees sabiex ma jaghmilx dan. Illi ghalhekk il-persuni li ghandhom il-licenzja fuq isimhom jibqghu responsabbli dejjem ghall-ossservanza tal-kundizzjonijiet kollha li ghandhom fuq il-licenzja taghhom. Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Debrincat deciza fil-25 ta' Jannar 2008, il-Qorti qalet:

"**Licenzja bhal dik in kwistjoni tinhareg f'isem persuna fizika proprju biex dik il-persuna tidhol responsabbli ghall-osservanza tal-ligijiet kollha konnessi max-xoghol, negozju ecc. li ghalih tkun tirreferi dik l-istess licenzja. Dan jirrizulta car kemm mill-"General Conditions" li jidhru stampati fuq l-istess licenzja, kif ukoll mill-lokuzzjoni adoperata fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 43 tal-Kap. 409 – "Kull min meta jkollu licenza…"). Il-fatt li jkun hemm *substitute* (li, ghall-finijiet tal-*Wines and Spirits Regulations*, L.S. 10.09, huwa biss impjegat tal-*licensee*) b'ebda mod ma jezonera lill-*licensee* mill-obbligi tieghu**."

Illi ghaldaqstant l-imputati kollha ghandhom iwiegbu ghal dana n-nuqqas.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolament 38(2)(a) u 53 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ammenda ta' €116.47 kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------